**MINUTI**

**KUMITAT AMMINISTRATTIV TA' BUBAQRA**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**LAQGĦA NUMRU ĦAMSA U TLETIN**

**18 ta' MARZU, 2013**

Il-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra, iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv li jinsab fl-indirizz Ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fil-5.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Iċ-Chairperson Pierre Farrugia, l-Viċi Chairperson Maria Schembri u l-membri Joseph D'Amato, Annetto Bugeja u Joseph Caruana.

**UFFIĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

**MINUTI**

Ic-Chairperson Pierre Farrugia ppresjeda.

**35.1** ***Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti***

35.1.1 Fir-rigward ta' punt 34.1.1 is-Segretarju Eżekuttiv qalet li llum il-Perit William Lewis kellu laqgħa mas-Sindku fejn ġew indikati x-xogħlijiet kollha pendenti.

Iċ-Chairperson Pierre Farrugia qal li hu kien imissu kien infurmat bl-appuntament li kellu s-Sindku mal-Perit, bħala chairperson tal-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra u bħalha Kunsillier inkarigat mill-qasam tat-toroq u infrastruttura.

35.1.2 Fir-rigward ta' punt 34.2.5 kien hemm qbil li l-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra jerġa jikteb lill-Koptasin biex jagħmlu x-xogħol meħtieġ kemm jista jkun malajr.

35.1.3 Fir-rigward ta' punt 34.5.2 kien hemm qbil li l-Kumitat Amministrattiv jerġa javviċina lir-residenti li għamlu l-ilment u jistaqsi x'kienet is-sitwazzjoni wara li l-Kumitat ħa l-passi neċessarji.

35.1.4 Fir-rigward ta' punt 34.5.6 – Skema ta' Finanzjament ta' Inizjattivi speċjali 2013, il-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra ġie nfurmat li l-Bord ta' Evalwazzjoni ma laqgħax it-talba biex jiffinanzja Ġnien rikreattiv fi Triq Fra Ġanmari Zammit.

Kien hemm qbil li wara li l-Kunsill jaġġudika t-tender li kien ħareġ għall-imsemmi post, il-perit jagħti stima tal-proġett u tiġi diskussa fis-seduta li jmiss.

35.1.5 Fir-rigward ta' punt 34.5.8 kien hemm qbil li l-Kumitat Amministrattiv jerġa javviċina lill-Kuntrattur li suppost kellu jtella' l-ħajt fi Triq Marija Farrug.

35.1.6 Il-Minuti tas-seduta numru 34 ġew approvati.

### *35.2 Komunikazzjoni miċ-Chairperson*

35.2.1 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia tkellem fuq il-bini li nbena fi Triq San Martin k/m Triq Dun Nard Mallia u li ħareġ 'l barra, tant li bis-*central strip* li kienet saret minn Transport Malta, l-vetturi ma jistgħux jgħaddu faċilment għal Vjal l-Inidpendenza u l-kontra bil-konsegwenza li jista jinħoloq xi inċident.

Kien hemm qbil li l-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra jieħu l-parir tal-Perit tal-Kunsill fejn jinforma lill-istess Kumitat kif jista jinbidel l-alignment tat-triq mis-sena 2010 sas-sena 2013. Il-Kumitat jinfurmah ukoll li fis-sena 2011 saret *central strip* minn Transport Malta bl-alignment li kien hemm fis-sena 2010.

Il-membru Joseph D'Amato ssuġġerixxa li dan il-każ jitressaq f'seduta tal-Kunsill biex il-Kunsill jagħti l-għajnuna tiegħu.
Kien hemm qbil fuq dan.

Il-membru Joseph D'Amato ssuġġerixxa li jekk dan il-bini ma jitneħħiex isiru *double yellow lines* mal-faċċata l-oħra biex it-triq tkun ostakolata mill-inqas.

Iċ-Chairperson Pierre Farrugia ssuġġerixxa li l-bus stop li tneħħa minn fejn inbena l-imsemmi bini, jiġi imwaħħal fi Vjal l-Indipendenza k/m Triq San Martin. Kien hemm qbil li issir talba lit-TM.

### *35.3 Inizjattiva Kulturali*

35.3.1 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia rrefera għall-iskema dwar inizjattivi ta' attivitajiet 2012-2013 Memo 38/2012. Hu qal li d-Dipartiment għażel l-attivita 'Ir-Raħħala Żrieraq' biss – liema attivita' ser tittella' bl-għajnuna tal-Għaqda Karmelitana u Banda QV.

Kien hemm qbil li f'seduta oħra jiġu nvitati rappreżentanti mill-Għaqda Karmelitana u Banda QV filwaqt li ċ-Chairperson jilħaq jikkomunika magħhom biex l-attivita', l-posters u l-materjal ta' reklamar għall-avveniment jgħaddu għall-approvazzjoni mill-Uffiċċju tal-Ministeru tal-Intern. Hu ser jiformahom bil-proċeduri li jkun hemm bżonn.

Kien hemm qbil li għal din l-attivita' l-Kumitat Amministrattiv jagħti sehmu f'dak li jkun hemm bżonn u jżomm l-ammont ta' €1,000 budget għal din l-attivita' biex jintnefqu f'permessi, toilets, siġġijiet etc.

Kien hemm qbil ukoll li l-Kumitat Amministrattiv jinforma lis-Soċjeta Mużikali Santa Katarina li l-attivita' li kienu ser itellgħu mal-Kumitat Amministrattiv ma ġietx magħżula, imma fl-istess waqt il-Kumitat ma jsibx oġġezzjoni li tali attivita' tiġi organizzata xorta f'Bubaqra, imma l-Kumitat ma jkunx jista jagħti l-għajnuna finanzjarja tiegħu.

35.3.2 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia staqsa f'hiex wasal il-fuljett 'Leħen Bubaqra'. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-kitba tinsab kollha għand il-printer u suppost fi żmien qasir għandu jiġi mqassam.

Kien hemm qbil li s-Segretarju Eżekuttiv tikteb lill-kumpanija tal-ipprintjar fejn twissi li jekk tali fuljett ma jitqassamx sal-festa tal-Għid il-Kbir, il-fuljett ma jiġix imħallas.

### *35.4 Attivita' fl-Għid il-Kbir*

35.4.1 Kien hemm qbil li l-attivita' li kien jorganizza l-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra fl-okkażjoni tal-Għid il-Kbir, għal din is-sena ma tiġix organizzata minħabba li ma fadalx żmien biżżejjed.

### *35.5 Xogħol pendenti u affarijiet oħra*

35.5.1 Il-Membru Joseph D'Amato qal li hemm bżonn li l-ħajt ta' Triq il-Luq li sar bħala ilqugħ ta' bini li kien qed

jinbena, għadu ma ġiex imneħħi, għalkemm ġie infurmat mis-Segretarju Eżekuttiv.
Kien hemm qbil li s-Segretarju Eżekuttiv terġa tikkuntatja lil-sid il-propjeta u tinfurmah li jekk tali ħajt ma jkunx imneħħi, l-Kumitat Amministrattiv jieħu l-passi neċessarji.

35.5.2 Il-membru Annetto Bugeja qal li l-ġnien ta' Triq in-Nigret, qed jitkompla bix-xogħol.

35.5.3 Il-Viċi Chairperson Marija Schembri qalet li hemm bżonn li Triq Salvatore Magri tiġi kompluta kemm jista jkun malajr għax tinsab perikoluża.

Kien hemm qbil li s-Segretarju Eżekuttiv tikteb lid-Dipartiment biex jieħdu l-passi neċessarji ħalli jiġi mgħaġġel ix-xogħol.

35.5.4 Il-membru Joseph Caruana qal li għalkemm il-pulizija ilhom jiġu nfurmati biex jieħdu passi għat-trakkijiet li jagħddu minn Triq Ħal Far bla permess, xorta waħda għadhom jagħddu. Hu nforma lill-Kumitat Amministrattiv li għandu xi ritratti li juru vetturi għaddejjien mit-triq biex jiġu rrapportati.

***35.6 Appuntament għas-seduta li jmiss***

35.6.1 Id-data tas-seduta li jmiss fuq qbil bejn il-membri kollha ser issir nhar it-Tnejn 22ta' April, 2013 fil-5.30 ta' filgħaxija.

35.6.2 Il-laqgħa ntemmet b'dan l-*item* fuq l-aġenda fis-7.40 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum ___ ta' APRIL, 2013.

Pierre Farrugia
**Chairperson**

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**